# QORTI ĊIVILI
# Prim Awla

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum, id-29 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Ġuramentat Nru. 447/2018 RGM**

**Kawża fil-lista: 6**

**Rosario Camilleri Id. 970645M, Catherine Camilleri Id. 798747M, Joseph Camilleri Id. 948448M, Antonju sive Anthony Camilleri Id. 292351M, Carmel Camilleri Id. 127253M, Clementina Zarb Id. 6460M, Mary Grace Farrugia Id. 97150M f'isimha propju kif ukoll f'isem huha Andrew Camilleri kif debitament awtorizzata in forza ta' prokura hawn annessa u mmarkata Dok A, Michael Camilleri Id. 548557M f'ismu propju kif ukoll f'isem huh Saviour Camilleri kif debitament awtorizzat in forza ta' prokura hawn annessa u mmarkata Dok B, l-imsemmi Michael Camilleri qieghed jidher ukoll f'isem in-neputi tieghu Gary Manwel Camilleri Id. 189687M, kif debitament awtorizzat in forza ta' prokura hawn annessa u mmarkata Dok C, u u Antony Camilleri Id. 21583M**

vs

**Dr. Benjamin Valenzia u l-P.L. Joelene Pace Ciscaldi nominati b'digriet tal-20 ta' Gunju 2018 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Lesley Camilleri nee` Hudson u b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2018 is-socjeta` DeMi Properties Limited interveniet fil-kawza**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**.

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi li permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti Rosario Camilleri, Catherine Camilleri, Joseph Camilleri, Antonju Camilleri, Carmel Camilleri, Clementina Zarb, Mary Grace Farrugia, Andrew Camilleri, Saviour Camilleri, Michael Camilleri flimkien ma' huhom id-defunt Emanuel Camilleri huma lkoll sidien tal-porzjon divisa ta' art li taqa' f'zona ta' zvilupp, bla numru ufficjali, izda mhux ufficjalment immarkata bhala plot bin-numru erbgha u sittin (64) tal-kejl superficjali ta' circa mitejn u tmienja u erbghin (248) metri kwadri; accessibbli minn Triq il-Fenici, Safi, konfinanti mill-Punent ma' beni ta' Andrew Camilleri, mil-Lvant ma' beni ta' Mario Zammit u min-Nofsinhar mat-Triq imsemmija, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha;

2. Illi fl-ewwel ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (01.10.2009) miet wiehed mill-ahwa u cioe` Emanuel Camilleri, u mis-soliti ricerki testamentarji fl-Indici tar-Registru Pubbliku ta' Malta (Dok D) u fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja (Dok E), jirrizulta illi d-defunt Emanuel Camilleri miet intestat u ghalhekk l-eredi tieghu huma z-zewg uliedu Gary u Antony Camilleri u martu Lesley Hudson;

3. Illi l-partijiet ilhom kopropretarji tal-imsemmija propjeta` ghal iktar minn tliet snin u cioe` mill-ewwel ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (01.10.2009) meta gie nieqes Emanuel Camilleri (Certifikat tal-mewt anness u mmarkat Dok F);

4. Illi filwaqt li r-rikorrenti jixtiequ jbieghu l-imsemmija propjeta` u anke resqu fuq konvenju datat tnejn ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (02.05.2017) [recte : tnejn ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (02.05.2018) b'digriet tal-14.11.2018] in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono (Dok G), dan il-bejgh ma jistax jipprosegwi stante li l-ko-propjetarja Lesley Camilleri nee` Hudson hi assenti mill-Gzejjer Maltin u hadd mill-partijiet m'ghandu kuntatt maghha;

5. Illi jinghad li l-prezz pattwit skont il-konvenju huwa ta' tliet mija u elfejn ewro u tmien mija u tmintax-il ewro (Eur 302,818);

6. Illi l-intimata m'hi ser issofru l-ebda pregudizzju jekk il-propjeta` in kwistjoni tigi mibjugha u dan kif ser jigi anke pruvat ahjar fil-mori tas-smigh;

7. Illi din l-azzjoni qed issir ai termini tal-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tawtorizza l-bejgh tal-intier tal-porzjoni divisa ta' art li taqa' f'zona ta' zvilupp, bla numru ufficjali, izda mhux ufficjalment immarkata bhala plot bin-numru erbgha u sittin (64) tal-kejl superficjali ta' circa mitejn u tmienja u erbghin (248) metri kwadri; accessibbli minn Triq il-Fenici, Safi, konfinanti mill-Punent ma' beni ta' Andrew Camilleri , mil-Lvant ma' beni ta' Mario Zammit u min-Nofsinhar mat-Triq imsemmija, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha, skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-konvenju tat-tnejn ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (02.05.2018) in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono iffirmat bejn ir-rikorrenti u Adrian Deguara ghan-nom tas-socjeta` DeMi Properties Ltd;

2. Tistabilixxi l-hin, jum u lok, fejn u meta ghandha ssir il-pubblikazzjoni tat-trasferiment relattiv;

3. Tordna lill-konvenuta sabiex tidher fuq l-att finali ta' trasferiment flimkien mar-rikorrenti sabiex tbiegh is-sehem indiviz taghha mill-istess propjeta` fit-termini stipulati tal-konvenju;

4. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-konvenuta fuq l-att finali ta' trasferiment kemm-il darba tonqos milli tidher;

5. Tawtorizza lin-nutar Dottor Joseph Debono, sabiex jippubblika l-att finali tat-trasferiment u lill-kuraturi deputati sabiex jircievu s-somma talvolta dovuta lill-konvenuta, kemm-il darba hi ma tidhirx, sabiex tiffirma l-att finali ta' trasferiment, bl-obbligu li jiddepozitawha taht l-Awtorita` ta' din l-Onorabbli Qorti, a beneficcju tal-konvenuta, a spejjez taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ghall-assenti l-konvenuta Lesley Camilleri li taqra kif gej:-

1. Illi huma mhux edotti mill-fatti;

2. Illi huma jitolbu li jinghataw l-ahhar indirizz maghruf tal-assenti u dawk id-dettalji l-ohra illi jistghu jaghmlu kuntatt mal-assenti;

3. Illi ssir valutazzjoni indipendenti minn Perit mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti ghal dan il-ghan sabiex l-assenti zgur ma tigix pregudikata b'valutazzjoni ex parte li mhijiex garantita li tkun indipendenti.

Semghat ix-xhieda tal-Perit Tancred Mifsud prodott mill-atturi fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2018.

Rat l-affidavits ta' Rosario Camilleri, Carmel Camilleri u Michael Camilleri.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Awissu 2018 li permezz tieghu innominat lill-Perit Godwin Abela sabiex jghati stima tal-proprjeta' mertu tal-kawza odjerna.

Rat ir-rapport tal-Perit Godwin Abela mahluf fit-18 ta' Settembru 2018.

Rat in-nota tal-atturi tal-1 ta' Ottubru 2018 li permezz taghha pprezentaw id-domandi in eskussjoni lill-Perit Abela.

Rat id-dikjarazzjoni tan-Nutar Dr. Joseph Debono prezentata mill-atturi b'nota tat-3 ta' Ottubru 2018.

Rat ir-risposti tal-Perit Godwin Abela ghad-domandi in eskussjoni prezentati fit-8 ta' Ottubru 2018.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2018 waqt liema seduta xhed il-Perit Tancred Mifsud prodott mill-atturi; inghata digriet li permezz tieghu laqghet it-talba tas-socjeta' DeMi Properties Limited sabiex tintervjeni f'dawn il-proceduri; giet prezentata nota bil-kummenti tal-Perit Tancred Mifsud; giet prezentata nota mis-socjeta' intervenjenti li permezz taghha iddikjarat illi filwaqt li ma taqbilx mal-istima maghmula mill-Perit Tekniku, hija kienet lesta li tixtri l-proprjeta' mertu tal-kawza odjerna in kwantu fir-rigward tar-rikorrenti bil-prezz patwit fil-konvenju u in kwantu fir-rigward ta' sehem il-konvenuta assenti skond il-valur moghti mill-Perit Tekniku.

Rat illi waqt l-istess udjenza l-atturi ma oggezzjonawx ghall-proposta tas-socjeta' intervenjenti filwaqt li l-kuratur deputat ghall-assenti Dr Benjamin Valenzia iddikjara illi sakemm is-sehem spettanti lill-assenti jinghata il-valur skond ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin Abela u jigi eventwalment depozitat, huwa ma kellux objezzjoni ghall-proposta tas-socjeta' intervenjenti.

Rat l-atti.

Rat illi dak propost mis-socjeta' intervenjenti bl-adezzjoni tal-atturi ma jippregudikax id-drittijiet tal-assenti.

Tiddikjara illi ser tippronunzja sentenza in linea ma' dak propost mis-socjeta' intervenjenti.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ghall-assenti konformement ma' dak hawn deciz,

1. Tilqa' in parte l-ewwel talba, tawtorizza l-bejgh tal-porzjon diviza ta' art, mhux ufficjalament markata bhala plot numru erbgha u sittin (64) tal-kejl superficjali ta' cirka mitejn u tmienja u erbghin (248) metri kwadri; accessibbli minn Triq il-Fenici, Safi, konfinanti mill-Punent ma' beni ta' Andrew Camilleri, mil-Lvant ma' beni ta' Mario Zammit u min-Nofsinhar mat-Triq imsemmija, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha, bil-prezz patwit fil-konvenju ffirmat quddiem in-Nutar Dottor Joseph Debono fit-2 ta' Mejju 2018 eccetto il-valur tas-sehem tal-konvenuta assenti li ghandu jigi kalkolat skond ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin Abela, liema kuntratt ghandu jigi ppubblikat min-Nutar Dottor Joseph Debono.

2. Tistabbilixxi l-jum tal-ghoxrien (20) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018) fl-10.00 a.m. fl-edificju tal-Qorti ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh relattiv.

3. Tawtorizza lill-kuratur deputat Dr Benjamin Valenzia sabiex jidher fuq il-kuntratt pubbliku ghan-nom tal-assenti b'dan illi s-sehem spettanti lill-assenti ghandu jigi depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti.

4. Tilqa' l-hames talba.

Bl-ispejjez a karigu tal-atturi hlief ghall-ispejjez tal-kuraturi deputati ghall-assenti li ghandhom jithallsu mill-konvenuta assenti b'dan illi tawtorizza lill-kuraturi deputati jithallsu d-drittijiet lilhom dovuti mis-sehem tar-rikavat spettanti lill-assenti.

**Onor. Robert G. Mangion** — **Maruska Baldacchino**

**Imhallef** — **Deputat Registratur**